Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-12 t Ottubru 2023**

**Kump. Nru. 256/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri]**
**vs**

**David Joseph Gauci**
**(382487M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat David Joseph, bil-karta tal-identita numru: 382487M**.**

Akkuzat talli fil-11 ta' Gunju 2017, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm) fi Triq in-Naxxar, Birkirkara:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna ferita ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Jeffrey Cilia, skond kif iccertifikat Dr. Clarissa Zemhlke M.D. mill-isptar Mater Dei u dan ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamilt hsara fil-hwejjeg ta' Jeffrey Cilia, liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250);

3. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblia b'ghajjat u glied (art 338(dd) Kap 9)

Il-Qorti hija gentilment mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-4 ta' Gunju 2018, (esebiti *a fol*. 194 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e. Fl-Artikolu 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Semghat ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-22 ta' Gunju 2017, xehdet WPS301 fejn ipprezentat rapport mmarkat Dok LV1, wara li fil-11 ta' Gunju 2017 kienu gew infurmati li kien hemm glieda quddiem Smart Supermarket f'Birkirkara. Ix-xhud qalet illi kif kienet hierga mill-Ghassa dahlet Michela Cilia li qaltilhom li kienet giet aggredita mill-ex ragel taghha, Jeffrey Cilia, u li kien ghamlilha hsara fil-karozza taghha b'hadida hamra. Michela kienet marret H'Attard tigbor it-tfal minghand missierhom Jeffrey u wara li ghabbiet it-tfal fil-

karozza saqsietu ghal frame li kienet talbitu qabel, fuq messagg u beda jkellimha hazin. Ix-xhud kompliet tghid illi kif waslet fuq il-post sabet li Jeffrey Cilia kien gie immanettjat mill-RIU, li kien mimli demm u bil-flokk imqattgha u kif saqsietu x'gara innutat li kellu riha ta' xorb. Hu ma kkoperax u qalilha biex tkellem l-avukat tieghu ghax ma kien ser jghidilha xejn. Il-Pulizija tal-RIU infurmawha illi kien hemm persuna ohra li kien involut fil-glieda u marret thabbatlu l-bieb tad-dar. Ghal-ewwel ma riedx jiftah ghax haseb li kien Jeffrey u kif qaltlu li l-Pulizija hu fetah il-bieb. Qalilha li hu kien id-dar tieghu fuq is-sufan jara t-television u dahlet Michela u Jeffrey imbotta l-bieb u dahal warajha, u hebb ghalih u ghal-Michela u gew fl-idejn, kellu juza ftit forza biex imbuttah 'il-barra mid-dar imma ma sawtux jew tah. Is-sufan kien ezatt wara l-bieb ta' barra u rah diehel wara Michela u fil-fatt qam mis-sufan. Hi ma kinitx hadet il-verzjoni ta' Michela, ghax hadielha Pulizija iehor. Il-Pulizija Nigel, stazzjonat l-RIU, kien qalilha li ntuzat lasta ta' xkuppa u Jeffrey beda jaghti biha fuq il-karozza ta' Michela u ghamel il-hsara. Meta x-xhud waslet fuq il-post, kien hemm Pulizija tal-RIU, izda hi ma rat l-ebda Pulizija tat-traffic section. Fil-kontro ezami, ix-xhud qalet illi kif waslet fuq il-post Jeffrey Cilia kien gja mmanettjat u kien irrabjat, u beda jdur fuq tal-RIU u jghidilhom 'nehhuli l-manetti' u huma wegbuh li l-manetti kienu ghall-gid tieghu stess u ghall-gid taghhom ghax kellu riha ta' xorb. Hu ma bediex jikkopera u kien perikoluz. Kien hemm hafna rapporti ta' Michela u l-Pulizija kienu jcemplulu lil Jeffrey izda ma kienx jmur l-ghassa.

Illi xehed Jeffrey Cilia fejn qal illi Michela kienet telqet mid-dar f'Gunju tal-2016 u kien hemm digriet fejn it-tfal jaghmlu gimgha mieghu u gimgha m'ommhom Michela, u t-tibdil jsir nhar ta' Hadd fis-6.00pm quddiem ir-residenza tieghu f'H'Attard. Kull meta Michela tiehu t-tfal dejjem taqbad xi argument biex jaghtiha xi inkwatru jew libsa, peress illi meta telqet kienet halliet kollox warajha, u ghalhekk kien ibblokkja xi xahrejn qabel biex jevita incidenti ghax dejjem sejra l-ghassa taghmillu rapport. Hu qatt m'ghamlilha rapport ghalkemm dejjem tghajru bi kliem hazin. Ghandu mobile iehor biex Michela ccempel u tkellem it-tfal meta jkunu mieghu biex ma jkollux kuntatt maghha. Fil-gimgha li jkunu maghha t-tfal m'ghadux icempel, fejn qabel kien icemplilhom kuljum fis-7.00pm, biex jevita incidenti. Ix-xhud qal illi gurnata qabel l-incident it-tifla z-zghira kienet wegghet u hu kien hadha l-clinic u kellha bzonn il-punti, allura l-Hadd kellu jkellem lil Michela biex jghidilha li kienet waqghet u li kellha

tehodha l-clinic biex jnehhulha l-punti. Wara li fehemha u kien miexi lejn il-karozza, qaltlu li kienet bghatitlu messagg fuq l-inkwatru tal-Madonna u hu wegibha li ma kienx ircieva l-messagg (ghalkemm fil-verita' wara induna li kien ircieva messagg, imma ma kienx ghadu rah), imma setghet tiehdu ghax kien tahulha n-nannu taghha. Hi bdiet tghajjat u ghajritu indannat, u hu qalilha 'indannata int' u qalilha biex tmur forsi jaghtiha xebgha ohra David, ghax it-tfal kienu qalulu li kien refa' idejh fuqha. Hu rikeb fil-karozza u saq b'lura biex johrog mid-drive in tieghu, u laqtilha l-karozza bil-mod, bhal meta tkun bumper to bumper, tant li m'ghamlilhiex hsara u hi mill-ewwel bdiet twerzaq '*int mignun, int mignun arani sejra l-ghassa'* u lahqet qalghat mill-parking u bdiet issuq u hu gie jsuq warajha. Raha fuq il-mobile, u qal li ser taghmel rapport iehor ghax iltaqghu zewg minuti, ghax dejjem tirrapportah. Qabizha biex jibqa' ghaddej u habat mera ma' mera maghha, imma kemm missha, tant li ebda mera ma nkissret, u hi regghet bdiet tghajjat mignun, u raha mill-mera bdiet ssuq bil-mod. Hu ddecieda li jmur id-dar taghha, Naxxar Road, B'Kara, u hu gie min-naha ta' Balzan u hi giet min-naha ta' B'Kara, u x'hin gie tieqa ma' tieqa maghha qalilha, '*ghalfejn ha taqla' inkwiet u taghmel rapport iehor, bumper to bumper kien biz-zball'*, u raha bil-mobile f'idha u tghajjat '*David, David inzel'* u hu hatfilha l-mobile minn idha minghajr ma missha u qasmu fit-tnejn, ghax hu xtrahulha u hu kissirulha. Ix-xhud kompla jghid illi hu mar ihabbat il-bieb tad-dar, u x'hin David hareg fil-gallarija qallu li kienet qaltlu biex jinzel u hu waddablu l-mobile, sadattant il-karozzi bdew jdoqqu ghax kienu ghalqu t-triq, u hu ressaq il-karozza ghal quddiem il-bieb ta' barra taghhom. Nizel mill-karozza u sab lil Michela tiftah il-bieb, u waqt illi kien ghadu fuq il-bankina, il-bieb infetah il-gewwa u kien hemm David fl-antiporta u hasdu billli tah daqqa ta' ponn fuq ghajnu x-xellugija fejn qasamlu fuq il-kappell t'ghajnejh. Ix-xhud kompla jghid li hu ma kienx rifes pass 'il gewwa, u l-imputat hareg barra u kompla jaghtih bil-ponn f'rasu u f'widnejh. Joe Tonna li huwa Pulizija, kien ghaddej bil-mutur u mar jipprova jferraqhom u David u Michela dahlu jigru d-dar x'hin hu qam fuq saqajh. Joe Tonna kellu jdejh bid-demm, u wara gew ta' l-RIU u hu beda jghidilhom biex jarrestaw lil David mhux lilu, u qalulu biex jidhol fil-karozza u haduh il-clinic. Minn hemm it-tabib baghtu l-isptar ghal MRI ghax issuspetta li seta' kellu crack fl-iskull, u hemmhekk kienu ghamlulu l-punti hdejn ghajnejh, fuq haddejh u hdejn widnejh. Hu ma setax jifhem kif kienu ha jarrestaw lilu u mhux lil min tah xebgha, hu kien Pulizija u jaf li suppost jigbru lil kulhadd biex jaraw x'gara u mhux jarrestaw l-izjed persuna midruba u lill-iehor ihalluh

id-dar. Ix-xhud kompla jghid illi hu ma kellu ebda lasti fil-karozza tieghu. Hu ma kienx fis-sakra, kien hareg Sunday lunch mat-tfal u koppja ohra bit-tfal taghhom u kien ha nbid u limoncello.

Illi fit-3 ta' Lulju 2017, xehed PC383 Joseph Tonna, fejn qal illi fil-11 ta' Gunju 2017, f'xi 6.30pm kien spicca xoghol u f'Naxxar Road, B'Kara iltaqa' ma' Jeffrey Cilia li kien qieghed jipprova jizgassa bieb bin-numru 253 fejn dan kien qed jaghtih bis-sieq u bil-ponn. Ma kien hemm hadd hdejh izda kien hemm l-istorbju u ghajjat. Hu beda jipprova jwaddbu lura biex ma jkissirx il-bieb u ghalkemm kien bl-uniformi, Jeffrey ma kkalkulahx. Izda Jeffrey irnexxielu jifthu, u persuna ohra li gharaf fl-awla bhala l-imputat, li kien fil-gallarija, x'hin ra li Jeffrey fetah il-bieb, nizel u fl-entratura tal-bieb lil Jeffrey tah xi tlett daqqiet ta' ponn f'wiccu. Ix-xhud qal illi hu gibed lil Jeffrey lura u dan waqa' mal-art u kellu d-demm. Hu cempel l-ghassa, u kif marru tal-RIU telaq mill-post. Ix-xhud qal illi kemm Jeffrey u kemm l-imputat, it-tnejn bdew jghidu '*ejja hawn*' u Jeffrey beda jghid kliem hazin. Kien hemm mara hdejn il-bieb li kienet qieghda tipprova tidhol, u hu warrabha lejn il-genb ghax kienet irrabjata u kienet ser ttih xi daqqa. Hu ma rahiex fil-karozza, imma kien hemm karozza f'nofs tat-triq u hu kien ressaqha hu stess minhabba f'tal-linja. Ix-xhud qal illi ma jiftakarx jekk il-mara qalietx xi diskors. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi ma xammx riha ta' xorb fuq Jeffrey, li ma jiftakarx jekk kienx hemm antiporta jew lasta ta' xkupa, u ma jiftakarx li kien hemm Michela Cilia quddiem Jeffrey jew xi tfal fil-karozza. Ix-xhud cahad li Jeffrey qattaghlu l-qmis.

Illi fit-13 ta' Lulju 2017 xehed Dr. Mario Scerri fejn ipprezenta rapport immarkat Dok MS1 (*a fol. 76 et seq*), fejn qal illi kien gie inkarigat biex jezamina lil Michela Cilia, Jeffrey Cilia u David Joseph Gauci li kellhom xi abrazjonjiet. Michela kellha xi tbengil li kienu ricenti u abrazjonijiet f'ghonqha u l-koxxa li ma kienux ricenti. Jeffrey kellu lacerazzjoni fuq ix-xellug tal-wicc li tista' tibqa' marka permanenti u kellu tbengila f'widnejh u operawh biex johorgulu l-haematoma, li t-tnejn jibqghu bhala marka permanenti u kellu wkoll xi abrazzjonijiet kompatibbli mat-tkaxkir mal-art li kienu ta' natura hafifa. David kellu daqsxejn tbengil u abrazjonjiet li kienu ta' natura hafifa.

Illi xehed PS1354 Claudio Cuppola stazzjonat l-RIU, fejn qal illi fil-11 ta' Gunju 2017, ghal habta tas-6.00pm hu u PC1352 gew infurmati mill-

control room illi kien hemm glieda wara habta bejn zewg vetturi quddiem Smart Supermarket. Meta marru fuq il-post sabu lil PS674 u PC1359 u persuna ohra li kien gharaf bhala l-iSpettur Jeffrey Cilia li kien qieghed jghajjat f'nofs tat-triq u kellu d-demm ma' wiccu u mal-ispalla fuq il-flokk. Hu pprova jikkalmah, imma kien irrabjat hafna ma' l-imputat, li gharaf li kien r-ragel fil-gallarija, u Jeffrey qasam mobile li kien f'idejh fi tnejn u garah lejn il-gallarija u gie fuq il-karozza tal-Pulizija li kienet taht il-gallarija. Jista' jkun li Jeffrey kien taht l-influwenza tax-xorb ghax kellu riha ta' xorb. Hu ra lill-imputat jittawwal izda ma rah jaghmel xejn aktar. Ma jiftakarx jekk intqalx xi kliem u ma ra ebda persuna ohra femminili. Kien hemm Mercedes zghira blu li kienet ipparkjata 'l barra u kien sakkarha hu u kien ta c-cwievet lil Cilia. Fil-kontro ezami qal illi hu jiftakar li Jeffrey kien qal illi misshom jarrestaw lill-persuna l-ohra mhux lilu. Jista' jkun li Jeffrey beda jghajjar lill-akkuzat pufta u bla bajd.

Illi xehed PS 674 Nigel Mallia fejn qal illi fil-11 ta' Gunju 2017 ghal habta tas-6.30pm il-control room infurmawhom li kien hemm habta li zvolgiet fi glieda quddiem Smart Supermarket. Meta waslu sabu lil Jeffrey Cilia f'nofs tat-triq jghajjat u kellu d-demm f'wiccu u l-flokk imqattgha. Meta ppruvaw jikkalmawh ma riedx jghidilhom x'gara, izda beda jghidilhom biex jarrestaw lil David. Kellu riha ta' xorb kbira u f'daqqa wahda qabad il-mobile u waddbu lejn il-gallarija fejn kien David Gauci, li gharaf bhala l-akkuzat. Il-mobile habat mat-tieqa u nizel fuq il-bonnet tal-karozza tal-Pulizija. Wara Jeffrey beda jipprova jixxuttja l-bieb biex jizgassah u hemmhekk hu u PS 1354 arrestawh. Hu kien fl-ewwel unit tal-RIU li wasal fuq il-post u pparkjaw quddiem ir-residenza f'nofs tat-triq u kien hemm karozza ohra pparkjata bl-addocc li kienet ta' Jeffrey. Is-Surgenta hadet il-verzjoni minghand David, li ghall-ewwel ma setax jiftah il-bieb ghax il-lock kien mkisser minn gewwa, u hu kien kalm u kkopera maghhom u kien innota li kellu ftit demm f'idejh. Arrestaw lil Jeffrey Cilia wara li kienu qalulu ghal xi hames darbiet biex jikkalma u jersaq min-nofs tat-triq u wara li waddab il-mobile u gie fuq il-bonnet tal-karozza. L-ewwel haduh fejn l-Smart biex jikkalma u kif gew tad-distrett, gie skortat ghall-clinic. Fuq il-post kien hemm hadida hamra mal-art li kien fiha ftit anqas minn metru fejn it-tire tal-karozza ta' Jeffrey li kienu elevaw. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi beda jghajjat u jindirizza lil David bi kliem oxxen imma ma jiftakarx il-kliem. Jeffrey beda jghid lill-Pulizija li huma m'humiex denji li jilbsu l-uniformi.

Illi xehed PC1359 Reuben Zammit stazzjonat RIU, fejn qal illi fil-11 ta' Gunju 2017, hu u PS674, kienu l-ewwel li waslu hdejn Smart Supermarket B'Kara, fejn raw persuna f'nofs it-triq li kellu riha ta' xorb. Kellu l-griehi f'wiccu u wiccu kien kollu demm u l-flokk imqattgha. Beda jghajjar persuna li kienet fil-gallarija li gharaf bhala l-imputat fl-awla, li beda jghajjru lura. Dan il-persuna li kien fit-triq ma riedx jikkalma u jkellimhom u beda jghidilhom biex jarrestaw il-kriminali mhux lilu. Huma ressquh lejn Smart u hu rega' qasam lejn nofs it-triq u ghaffeg mobile u tefghu lejn il-gallarija izda waqa' fuq il-karozza tal-Pulizija taghhom u b'hekk immanettjawh. Wara li arrestawh waqt illi kienu fil-karozza saqsihom biex jiehduh il-polyclinic. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi ma jiftakarx il-kliem li beda jghid Jeffrey u lanqas David. Hu kien qal lil David biex jidhol il-gewwa, u dahal imma rega' hareg u Jeffrey m'obdihx u b'hekk arrestawh. Ikkonferma illi Jeffrey beda jghajjarhom li mhux denji tal-uniformi.

Illi fid-19 ta' Ottubru 2017 xehdet Michela Cilia fejn qalet illi hi kellha t-tfal ma' Jeffrey u skond digriet it-tfal jaghmlu gimgha maghha u gimgha ma missierhom u jingabru kull nhar ta' Hadd mir-residenza tal-missier f'Attard. Il-Hadd 11 ta' Gunju 2017, marret tigbor it-tfal fis-6.00pm u kif waslet quddiem it-tfal, lil Jeffrey talbitu l-frame li kien taha n-nannu taghha ghax kienet bghatitlu zewg messaggi u ma kienx irrispondiha. Minn hemm inqala' argument shih quddiem it-tfal u hi dahhlet it-tfal fil-karozza. Kif rat l-inkwiet bdiet tirriversja u Jeffrey irriversja u baqa' diehel ghal go fiha. Hi saqet u hu beda jsuq warajha u qabez wrong side u rega' laqtilha l-mera u jghajjat mill-karozza u baqa' sejjer. Hi tefghet mal-genb ghax it-tfal bdew jibzghu u cemplet lill-partner biex tghidlu li ser tmur l-ghassa u hu qalilha biex tghaddi ghalih ghax il-pulizija jkunu jridu lilu ghax il-karozza kienet tieghu. X'hin waslet hdejn id-dar taghha rat il-karozza ta' Jeffrey, Mercedes blu gejja mid-direzzjoni ta' Hal-Lija. Kif raha ssuq fid-direzzjoni ta' Hal Lija, dar u-turn f'Naxxar Road, hdejn Smart u saq il-karrozza ghal gol-bieba taghha tant li ghalaq it-triq. Tal-linja ma setghetx tghaddi u hargu n-nies biex jwaqqfuh ghax beda jghajjat u joffendiha u qalulu li hemm it-tfal. Hi bdiet iccempel lil David minn gol-karozza ghax bdiet tibza' u hu hatfilha l-mobile u kisru. David hareg mill-gallarija ghax kien msakkar gewwa ghax hi kienet haditlu c-cwievet bi zball u qalilha biex issuq ghax ma setax jinzel ghax kien imsakkar. Jeffrey beda joffendih u waddablu l-mobile. Rat lil Jeffrey jxejjer lasta hamra u ghafset il-gas u saqet ftit metri, u rat Pulizija fuq mutur u nizlet tghidlu

biex jghinha. Jeffrey kien qieghed jixxutja l-bieb u jghajjar, u l-Pulizija beda jipprova jzommu, u hi irnexxielha tiftah il-bieb. Jeffrey imbotta lilha gewwa u hi waqghet hdejn l-antiporta u Jeffrey dahal bejn il-bieb u l-antiporta u nizel David u hareg lil Jeffrey 'l barra u Jeffrey beda jirritalja. Rathom jaghmlu ghal xulxin u lil David ratu jwaqqfu milli jaggredih, u rat lil Jeffrey jinstabat ma' l-art. David waqaf u rega' dahal 'il gewwa u ghalaq il-bieb u rat lil Jeffrey bid-dmija. Il-Pulizija qalilha biex titlaq u marret bit-tfal biex taghmel rapport. Ix-xhud ma kinitx taf jekk David kienx right handed jew left, minkejja li kienu ilhom jghixu flimkien ghal sentejn imma tahseb li right handed. Ix-xhud ikkonfermat il-griehi li jidhru *a fol*. 76 li saru fuqha u fuq David fl-incident.

Illi fit-30 ta' Novembru 2017 xehed l-iSpettur Elton Taliana, fejn qal illi fil-11 ta' Gunju 2017 fis-6.30pm gie infurmat illi kien hemm argument bejn Michela Cilia, Jeffrey Cilia u David Gauci, li gharaf fl-awla. Jeffrey kien mar wara r-residenza ta' Michela u David, u hu kien ordna li jarrestaw lil Jeffrey u jiehduh l-ghassa, izda peress illi kellu bzonn xi trattament kienu haduh l-isptar Mater Dei. Kif gie rilaxxat mill-isptar gie mizmum il-lock up tal-Floriana. Ix-xhud qal illi hu kien qabbad lis-Scene of Crime officers biex jiehdu r-ritratti tal-post u l-bibien u tal-griehi. Kien irrizulta illi waqt il-glieda kien hemm PC383 Joe Tonna li kien intervjena waqt l-argument. Kien ha l-istqarrija ta' Jeffrey u kien ressqu bl-arrest 'l ghada. Jeffrey baqa' jinsisti illi hu kien gie aggredit minn David Gauci, u kien gab certifikat illi kellu griehi ta' natura gravi. Kellu argument ma' Michela Cilia li kien skala meta David li kien fil-gallarija kien nizel minn fuq u spiccaw iggieldu fl-entratura. Minhabba din il-verzjoni hu kien arresta lil David u hadlu l-istqarrija li tinsab *a fol.* 8, fejn gharaf il-firma tieghu, ta' David Gauci u PC1027, li ttiehdet fit-12 ta' Gunju 2017 wara li nghata t-twissija u d-dritt li jkellem avukat. Fil-fatt kien kellem lill-avukat qabel ma bdiet l-interogazzjoni. David qal illi kien ilu jissapporti certu affarijiet ghax kien ilu jigi mhedded u insulentat. Dakinhar kien hareg biex jaqbez ghal Michela Cilia ghax kienet ha tigi aggredita. Jeffrey kien dahal ghalih fid-dar u kien tefaghlu wkoll il-mobile li tkisser, u dan gie ezebit u mmarkat bhala Dok ET1, gew ezebiti zewg flokkkijiet illi gew immarkati bhala Dok ET2, u ET3 u stikka ta' xkuppa immarkata bhala Dok ET4, li kienet giet elevata minn fuq il-post mill-RIU ghalkemm ma ssemmitx mit-tnejn li huma.

Illi fil-15 ta' Frar 2018 xehed PS 122 Arthur Borg, fejn qal li fil-11 ta' Gunju 2017 l-iSpettur Elton Taliana kien qallu biex jiehu ritratti ta' injuries ta' Jeffrey Cilia fl-emergenza ta' Mater Dei. Ir-ritratti tal-hsarat fil-bieb u vettura u injuries fuq zewg persuni ittiehdu f'Naxxar Road, Birkirkara. Dawn gew esebiti u mmarkati Dok AB1.

Illi fit-3 ta' Mejju 2018 l-iSpettur Elton Talian ezebixxa verbal li gie mmarkat Dok ETX1 fejn David Gauci kien irrinunzja ghal dak rinunzjabbli fil-konfront ta' Jeffrey Cilia u l-*parte civile* kien iddikjara illi kien ha jaghmel l-istess fil-kawza quddiem David Gauci. Fil-fatt fis-seduti tat-3 ta' Mejju 2018, 18 ta' Ottubru 2018, kif ukoll f'1 ta' Dicembru 2022 hu iddikjara quddiem il-Qorti illi ma kellu ebda 'disfigurement' permanenti b'rizultat tal-incident u li hu kien qieghed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ma kien hemm ebda antagonizmu bejn il-partijiet u ghalhekk kien qieghed jitlob illi fejn hu possibbli dawn il-proceduri jitterminaw[1].

Illi fit-18 t'Ottubru 2018 xehed l-iSpettur Taliana li kkonferma l-istqarrija ta' David Gauci ezebita minnu *a fol.* 8 sa *fol.*11 li ma hemmx il-firma tieghu izda hemm il-firma ta' David Gauci u ta' PC1027 Micallef.

Illi fis-17 ta' Settembru 2020 xehdet il-Probation Officer Rhona Agius Custo li giet nominata biex thejji r-rapport. Qalet illi David kellu trobbija tajba, izda minn eta' zghira beda jaghmel uzu mid-droga li wassal sabiex hu xellef idejh mal-gustizzja diversi drabi. Huwa pprova diversi drabi jindirizza l-problema tieghu, izda minn jeddu seba' snin qabel kien waqaf jaghmel uzu mis-sustanza ghalkemm mit-testijiet li saru irrizulta illi hu kien ghadu jaghmel uzu mill-cannabis minhabba l-ugiegh. Kellu appuntament biex jara jekk hux eligibbli ghal cannabis medicinali. Huwa jahdem, izda ix-xoghol ghadu mhux regolarizzat u ghalhekk ma setghetx taghmel il-verifiki taghha. Kien ilu f'relazzjoni ma' Michela ghal madwar sentejn u kienu jghixu flimkien. Hu kellu zewgt itfal minn relazzjoni precedenti. Tkellmet ukoll mal-vittma Jefffrey Cilia li qalilha li ma kellux aktar interess fil-konfront tal-imputat. Ir-rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok RAC1.

Illi fis-16 ta' Frar 2023 xehed l-imputat David Joseph Gauci, fejn qal illi hu kien iltaqa' ma' Michela Cilia u kien minghalih li kienet 'single' u wara

[1] Fol. 190, 198 u 298

sar jaf illi kienet mizzewga lil Jeffrey Cilia u li telqitu ghax kien isawwatha. Waqt is-separazzjoni Jeffrey kien jigri warajh, jheddu u jahbat fih bil-karozza, tant illi kien ghamillu tmintax-il rapport. Tlett ijiem qabel dan l-incident kien skada l-garanzija, ghax huma kellhom garanzija li ma jistghux jersqu lejn xulxin. Fil-fatt Jeffrey mar ghalih fil-11 ta' Gunju 2017, kien fis-sakra mejjet u faqghalu l-bieb u baqa' diehel gewwa kif ikkonferma il-Pulizija Tonna. Il-glieda kienet bdiet meta Michela Cilia kienet marret biex tigbor it-tfal minn H'Attard bejn il-5.00pm u 7.00pm u Michela kelllha wiccha mifqugh u qaltlu li Jeffrey kien habat fil-karozza taghha. Hu kien f'daru bil-kwiet meta f'daqqa wahda Jeffrey faqa' l-bieb ta' barra u s-serratura, u baqa' diehel id-dar tieghu f'Naxxar Road, B'Kara, bil-Pulizija Tonna b'kollox, li kien qed jipprova jzommu u beda jxejjer idejh biex jaghtih. Laqat xi affarijiet u l-Pulizija baqa' jipprova jzommu u hu beda jipprova jimbuttahom 'il barra biex ma jidhlux id-dar, u wara li Jeffrey xejjirlu xi daqqa hu tah ohra. L-imputat qal illi hu kellu griehi hfief f'subghajh u grif u hmistax wara inqalghet sinna. Hu kellu jiddefendi ruhu. Dan kollu gara quddiem Michela u t-tfal tieghu stess. Jeffrey kien ghalaq it-triq kollha bil-karozza tieghu. Wara li hu mbuttahom 'il barra mid-dar, Jeffrey gibdu 'l barra mieghu u beda jiprrova jaghtih, imma ma jafx fejn laqtu fil-kommissjoni bhal ma jafx fejn intlaqat. F'hin minnhom Jeffrey waqa' mal-art u Michela marret u xxutjatlu wiccu, u hu dahal jigri 'l gewwa u halla lil Michela barra, u mar gab serratizz mil-gnien u tefghu mal-bieb biex ma jergax jidhol, ghax is-serratura kienet mkissra. Wara gew il-Pulizija u hu mar maghhom l-ghassa u lil Jeffrey haduh l-isptar.

**Ikkunsidrat**

**<u>Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni – Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-*parte civile.*

Illi mill-provi migjuba specjalment mix-xhieda moghtija fil-kawza odjerna, jirrizulta illi fil-11 ta' Gunju 2017, waqt illi l-imputat kien f'daru f'B'Kara, il-*parte civile* Jeffrey Cilia beda jipprova jisgassa l-bieb ta' barra tar-residenza ta' l-imputat biex jidhol ghall-imputat. Illi dak il-hin kien hemm Pulizija, PC383 Joseph Tonna, li beda jipprova jzommu, izda l-*parte*

*civile* xorta irnexxielu jiftah il-bieb ta' barra u dahal god-dar tal-imputat, filwaqt li l-Pulizija kompla jipprova jwaqqfu u jzommu. L-imputat li qabel kien fil-gallarija, nizel u beda jipprova johrog lill-*parte civile* 'il barra, u f'dak il-hin il-*parte civile* u l-imputat bdew jaghtu lil xulxin sakemm il-*parte civile* spicca barra fit-triq. It-tnejn li huma kellhom il-griehi ghalkemm il-*parte civile* kellu griehi illi gew iccertifikati bhala gravi, filwaqt illi l-imputat kellu griehi hfief. Dan l-incident kien konsegwenza ta' argument li kien hemm bejn il-*parte civile* u l-ex mara tieghu, li kien beda f'H'Attard meta l-*parte civile* kien saq ghal fuqha u baqa' jigri warajha sa B'Kara fejn kienet tghix mal-imputat. Instemghu diversi xhieda fosthom il-*parte civile* Jeffrey Cilia, Michela Cilia u l-Pulizija li waqaf jaghti l-ghajnuna u li kien prezenti waqt il-glieda, kif ukoll l-Pulizija li marru fuq il-post inkluz dawk ta' l-RIU.

__Legittima Difisa__

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ismijiet '**Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro'**[2] fejn gie ritenut illi:

*"Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."*

*Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat, jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tal-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw li mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat, qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza.*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr Vincent De Gaetano nhar is-6 ta' Awissu 1998

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza '**Pulizija vs Mario Zaffarese'**[3] fejn inghad illi:

*"Il-principju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et**[4], fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:*

> *"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei –*
>
> *"occorre in fine che l' aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*
>
> *Fil-Manuale di Diritto Penale Generale pg 261, insibu li*
>
> *"pericolo attuale e' il pericolo presente." [...]*
>
> *Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet talġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f' dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b' mod ieħor. Jiġifieri lperikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima.*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Appell Nru: 345/2018 per Onor. Imhallef Dr Consuelo Scerri Herrera nhar it-12 ta' Dicembru, 2018.

[4] *27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012*

*Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f' dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b' xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x' seta' għamel jew x' messu għamel jew x' messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

*Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

*"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...]*

*[...][F]id-difesa leġittima, huwa m' għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b' perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f' dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement."*

L-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

*"Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor".*

Illi mix-xhieda moghtija u mill-provi imressqa, il-Qorti tqis illi fil-kaz in ezami l-imputat kellu jagixxi bil-forza sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-agressjoni tal-*parte civile*, li dahal f'dar l-imputat bil-forza u fejn l-istess imputat gie aggredit bi vjolenza waqt li kien qieghed f'daru, u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti hija konvinta illi l-imputat agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu u ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Dwar t-tieni (2) imputazzjoni – Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li jappartjenu lil *parte civile* Jeffrey Cilia.

Illi mix-xhieda moghtija u mid-dokumenti pprezentati fl-atti processwali ma jirrizultax illi l-imputat gharraq jew hassar xi haga li tappartjeni lil *parte civile*. Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Dwar t-tielet (3) imputazzjoni – Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

L-imputat qed jigi akkuzat illi kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Illi mix-xhieda moghtija jirrizulta illi meta nqala l-incident mertu tal-kawza odjerna, kien hemm storbju u ghajjat u anke tghajjir bejn il-*parte civile* u l-imputat, pero' jirrizulta wkoll illi dan gie instigat mill-*parte civile* meta pprova jidhol fir-residenza ta' l-istess imputat.

Illi wara li rat ix-xhieda moghtija u d-dokumenti pprezentati fl-atti processwali il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-3 ta' Mejju 2018 l-*parte civile* Jeffrey Cilia iddikjara li kien qieghed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u gie ipprezentat verbal ta' kawza fl-ismijiet inversi fejn David Joseph Gauci kien ukoll irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront ta' Jeffrey Cilia. Dan rega' gie ikkonfermat darbtejn ohra quddiem il-Qorti[5] kif ukoll mal-Probation Officer li kienet ghamlet kuntatt ma Jeffrey Cilia bhala l-vittma meta hejjiet is-Social Inquiry Report.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed ssib lil imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

[5] Fol. 198 u 298

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**